MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 165/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nicholas Ciappara)**
**Vs**

**Sandro Mifsud**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**

**1) talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Awissu, 1996 u x-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug**

**mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2) Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) jew minn xi awtorita' mghotija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w mingahjr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3) Ukoll talli fit-12 ta' Awissu 1996 u granet ta' qabel kien fil-pussess tad-droga Eroina u droga Raza tal-Cannabis f'cirkostanzi tali li juru li dawn id-drogi ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu;**

**4) Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Awissu, 1996 u x-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5) Ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi simili mghotija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' April, 1990, Awla D, 15 ta' Marzu, 1995, Awla 2, fl-14 ta' Dicembru, 1995, Awla 8, fis-6 ta' Marzu, 1996, Awla 3, u mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Jannar, 1993;

**6) Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Awissu, 1996 u x-xhur ta' qabel din id-data, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbiegh jew jittrafika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjoni tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromova, kkostitwizza, organizza, jew iffinanza din l-assocjazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 22(1)(f), ir-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939), l-Ewwel Skeda tal-Kap. 101, is-Sitt Taqsima tal-Kap. 101, ir-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939), l-Artikolu 8 tal-Kap. 101, u l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 (2)(b) subparagrafu (I) tal-Kap. 101 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha w ikundannatu ghall-prigunerija ta' seba' snin, illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv u ghall-hlas ta' multa ta' erbghat elef lira (LM4,000) konvertibbli fi prigunerija fil-kaz illi l-imputat jonqos li jhallasha a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha li filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabitu hati tar-raba' akkuza w tal-hames akkuza fejn sabitu hati li hu recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tvarja s-sentenza appellata billi tikkancella, tirrevoka w thassar is-sentenza fejn l-appellant instab hati tal-akkuzi l-ohra w tilliberah minnhom.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi kif ukoll tal-punti ta' dritt. Li ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament ta' dritt, id-dispozizzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap.101 ma tapplikax ghal kaz meta persuna jkun komplici ma persuna ohra fl-ispaccar tad-droga. Dan l-artikolu jirriferi biss ghal dak il-*user* li jkun xtara d-droga minnghand xi hadd iehor. Peress li jirrizulta li Nicholas Deguara kien kompartecipi fit-traffikar tad-droga ghax jghid illi d-droga misjuba fil-fond mikri lill-appellant kien tieghu bi shab mall-appellant u d-droga kienet tat-tnejn, dan l-artikolu ma kienx applikabbli. Sekondarjament l-ewwel u t-tielet akkuza huma fl-aghar ipotesi assorbiti (ghax huma mezz ghall-fini) fit-tieni akkuza. Li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija tas-sitt akkuza ta' assocjazzjoni ghax ma jissustux l-elementi ta' dar-reat u din l-akkuza tikkontradixxi t-tieni akkuza ta' traffikar. Ma jistax ikollok assocjazzjoni biex jaghmel delitt meta r-reat ikun gie kunsmat. Dwar il-fatti hemm kontradizzjoni skjaccanti bejn ix-xhieda ta' Nicholas Deguara w dik ta' Duminku Scerri w dan inaqqas mill-kredibilita' ta' dawn iz-zewg xhieda li kellhom interess li jiskolpaw lilhom innifishom. Mill-banda l-ohra l-versjoni li ta l-appellant hija aktar verosimili. Ma kienx jaghmel sens li l-appellant, kieku veru li huwa gja kellu d-droga, li joqghod jinvita lil Deguara Ghawdex sabiex ibieghhielu. Kieku persuna titla' Ghawdex biex tbiegh id-droga, mhux normali li titla' bil-familja kollha. L-appellant salv li ammetta li l-bicca blokka tal-cannabis kienet tieghu, nnega kollox. Dwar il-piena din kienet wahda eccessiva ghax il-kaz jirrisali lura ghal disa' snin u dat-trapass taz-

zmien ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Ghar-rigward tar-recidiva, l-appellant ilu jiskonta piena karcerarja ghall-kwazi dawn l-ahhar tmin snin li fihom wiehed ghandu jipprezumi li fihom gie riabilitat u s-sentenza, meta komparata mall-piena inflitta fuq Nicholas Deguara, li, fl-aghar ipotesi, ma kien xejn hlief il-komplici, hija sproporzjonata ghall-ahhar.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel serje ta' aggravji huma ta' indoli legali w ser jigu investiti qabel dawk li jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti, fl-ordni li inghataw.**

**Illi dwar l-applikabilita' o meno tal-artikolu 30 tal-Kap.101 fir-rigward tax-xhieda ta' Nicholas Deguara kontra l-appellant, dan l-artikolu jiddisponi li minkejja d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun xtrat jew xort' ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-dispozizzjinijiet ta' l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minnghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b' cirkostanzi ohra.**

**Issa f' dan il-kaz Deguara xehed li kien jakkwista d-droga minnghand l-appellant u jbieghha akkont tieghu w ta' dan kien jithalla jzomm zewg pakketti minn ghaxra b' xejn ghall-uzu tieghu. Illi, jekk titwemmen din il-versjoni ta' Deguara - u din hi kwistjoni t' apprezzament ta' fatt – ma hemmx dubju li hawn ikun hemm il-figura tal-akkwist tal-medicina minn ghand l-appellant da parti ta' Deguara w allura jiskatta d-dispozittiv tal-artikolu 30.**

**Imma anki kieku dan ma kienx il-kaz u l-operat ta' Deguara jitqies li kien jinkwadra ruhu biss fil-figura tal-komplici li flimkien mall-appellant kien involut fl-ispaccar u pprokurar tad-droga lil terzi, dan ma jirrendix it-testimonjanza ta' Deguara inammissibbli, imma biss ikun jirrikjedi li tali depozizzjoni tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Issa fil-kaz in ezami hemm diversi cirkostanzi li jikkorroboraw id-depozizzjoni ta' Deguara. Jissemmew biss il-fatt li Deguara u l-appellant kienu qed jabitaw temporanjament flimkien fi flat mikri lill-appellant, li f' dan il-flat waqt is-*search* instabet kwantita ta' droga ta' tip differenti, li *ex admissis* l-appellant hajjar u ssugerixxa lil Domenic Scerri li jmur fl-istess flat biex jakkwista d-droga haga li fil-fatt ghamel, meta fil-flat kien prezenti l-appellant, sia pure li fizikament kien Deguara li kkonsenja d-droga lil Scerri. Il-prezenza ta' persuni ohra fil-vicinanza tal-flat maghrufa ghad-dipendenza taghhom fuq id-drogi. Skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati hija bizzejjed cirkostanza wahda materjali biex tikkorrobora lill-komplici, meta dan ikun ix-xhud wahdani kontra l-akkuzat.**

**Inoltre f'dan il-kaz Nicholas Deguara, ghalkemm indubbjament xhud importanti, ma kienx xhud wahdani kontra l-appellant. Kien hemm id-depozizzjoni ta' Domenic Scerri li lahaq xehed – qabel ma miet – fil-kawza kontra Deguara li taghmel parti mill-atti ta' dan il-process. Dan Scerri (fols.50 et seq. tal-process kontra Deguara) kien xehed li Sandro kien laqqghu ma Deguara u li kien xtara d-droga eroina l-gurnata ta' qabel mill-flat ta' dan Sandro minnghand Sandro u Deguara. Il-bieb kien fetahulu Sandro Mifsud u dan ghajjat lil Nicky Deguara. Deguara kien tah iz-zewg pakketti. Din kienet l-unika darba li hu kien xtara minnghand dawn iz-zewg persuni. Umbaghad dan Scerri zied jghid testwalment hekk :-**

***"Lill-imputat* (Deguara) *iltqajt mieghu dak in-nhar biss. Jiena l-izjed li kont naf lil Sandro Mifsud. L-ewwel darba li iltqajt ma Sandro Mifsud kien id-detox,***

***konna bdejna nirragunaw flimkien u gie d-diskors fuq l-eroina.***
***"Jiena izjed kelli kunfidenza ma Mifsud milli ma Deguara. Lil Deguara rajtu darba biss. Jien biex nixtri d-droga ma ftehemtx mall-imputat*** **(Deguara),** ***ftehemt ma Sandro Mifsud. U kien Sandro Mifsud li laqqaghni mall-imputat*** **(Deguara).** ***"*** **u aktar l' isfel kompla jixhed :-**

***"Meta Sandro fetah il-bieb u ra lili, ghajjat lill-imputat*** **(Deguara)** ***u Sandro lill-imputat*** **(Deguara)** ***qallu "Gie dan u jrid jixtri." X' hin qallu dan id-diskors lill-imputat (*****Deguara)** ***Sandro Mifsud, il-pakketti tad-droga kienu diga f' idejn l-imputat*** **(Deguara)."** ***… "Dak il-hin Sandro Mifsud kien vicin taghna ukoll. Konna t-tlieta qiesna qaqocca."***

Illi din id-depozizzjoni moghtija fil-process kontra Deguara li jinsab anness ma dan il-process, hija decizament ammissibbli f' dan il-process kontra l-appellant skond l-artikolu 30A tal-Kap.101.

**Illi l-Ewwel Qorti, apparti x-xhieda ta' Deguara, kellha kull dritt li taccetta din ix-xhieda ta' Scerri bhala prova kontra l-appellant kemm tal-pussess kif ukoll tal-ipprokurar tal-eroina lil terzi, kif ukoll tar-reati ta' pussess tad-droga eroina f' cirkostanzi tali li juru li dawn id-drogi ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu w r-reat ta' assocjazzjoni sabiex ibiegh jew jittrafika medicina f' dawn il-Gzejjer.**

**Illi dwar l-aggravju li ma jistax ikollok ir-reat ta' assocjazzjoni meta jkollok ir-reat kunsmat, dan hu legalment infondat. Pero' kif gie ripetutament ritenut, ir-reat ta' assocjazzjoni, ghall-fini ta' piena, jigi assorbit fir-reat jew tal-pussess aggravat jew tal-ipprokurar tad-droga billi jkun serva bhala mezz biex jigi kommess reat iehor f' dan il-kaz tal-istess gravita, skond l-artikolu 17(h) tal-Kap.9. (ara f' dan is-sens "**Ir-Repubblika vs. Kandemir Malgem Nilgun et" **[31.5.2004] ,** **"**Ir-Repibblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem" **[30.10.2002] u ohrajn).**

**Illi ghall-istess raguni l-aggravju li l-ewwel Qorti ma setghatx guridikament issib lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha u dan peress illi l-ewwel u t-tielet akkuza huma, fl-aghar ipotesi, assorbiti (ghax huma mezz ghall-fin) fit-tieni akkuza dik ta' traffikar, huwa infondat. Ghall-precizjoni pero' jinghid li l-ewwel akkuza ta' pussess tad-droga eroina w dik il-parti biss mit-tielet imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess ta' tali eroina mhux ghall-uzu esklussiv tieghu, biss ghall-fini ta' piena, ghandhom jigu assorbiti fit-tieni imputazzjoni ta' traffikar tal-istess droga eroina. Mhux l-istess pero' l-parti tat-tielet imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu tad-droga raza tal-cannabis. Ir-raba imputazzjoni ta' pussess tar-raza tal-cannabis tigi umbaghad assorbita f' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess tal-istess droga mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Ir-reat ta' assocjazzjoni umbaghad , kif intqal jigi assorbit ukoll fit-tieni imputazzjoni.**

**Peress li l-Ewwel Qorti imkien fis-sentenza appellata ma ghamlet riferenza ghal tali assorbiment u peress li fl-artikoli citati minnha, ghalkemm issemma l-artikolu 17 tal-Kap.9, ma ssemmiex specifikatament is-subartikolu (h) tal-istess artikolu, din il-Qorti tara li jista' jkun - u x' aktarx iva milli le - li fil-piena komplessiva erogata ma ttiehedx kont ta' dan l-assorbiment li kien applikabbli skond l-artikolu 17 (h) u li r-riferenza ghall-artikolu 17 setghet kienet ghas-subartikoli (b) u (f) li ghandhom effett ghal kollox differenti fuq il-komputazzjoni tal-pieni kemm karcerarji kif ukoll pekunjarji. Ghalhekk dan id-dubju f' dan l-istadju jrid imur favur l-appellant u konsegwentement irid bil-fors jigi rifless fil-piena kif ser jinghid aktar 'l isfel.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi hemm umbaghad numru ta' aggravji li huma bazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta'**

**din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94];** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991]**; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have***

***been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.**

**Illi l-provi kontra l-appellant huma prova diretta gejja minn Nicholas Deguara u Domenic Scerri, kif ukoll provi indizjarji gejjin mir-rizultat tat-tfittxija li saret fil-flat mikri lill-appellant f' Ghawdex, kif ukoll mill-istess stqarrija u d-depozizzjoni tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti.**

**Illi diga gew riepilogati aktar il quddiem f' din is-sentenza partijiet mid-depozizzjoni ta' Domenic Scerri li jinkjodaw lill-appellant fuq l-akkuzi ta' assocjazzjoni, pussess, pussess aggravat u traffikar tad-droga eroina. L-istess appellant umbaghad mhux qed jikkontesta fir-rikors tal-appell tieghu s-sejbien ta'**

**htija taht ir-raba imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess semplici tar-raza mehuda milll-pjanta cannabis u l-addebitu tar-recidiva. L-Ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament dettaljatissimu taghha fuq dawn l-akkuzi u waslet ghall-konkluzzjoni gusta fil-fehma ta' din il-Qorti fir-rigward tal-htija. Apparti l-provi skjaccanti kontra l-appellant, hu inqabad f' xibka ta' kontradizzjonijiet meta, fid-depozizzjoni tieghu, pprova jespjega, jiccara jew jichad dak li kien qal fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija. L-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni magisterjali ta' dawn il-kontradizzjonijiet evidenti w din il-Qorti – bhall-Ewwel Qorti - thoss li dawn jimminaw kompletament il-kredibilita' tal-appellant u zgur ma jxejjnux il-forza probatorja ta' dak li xehdu Deguara u Scerri fil-konfront tieghu.**

**Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tiddisturba l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti dwar il-htija, salv ghall-fini tal-piena biss, il-kwistjoni tal-assorbiment kif fuq intqal.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-aggravji fuq il-piena, jintqal li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex skond l-artikolu 22 (2) (b) (i) tal-Kap.101, l-piena mandatorja ghall-uhud mir-reati li tahthom instab hati l-appellant hija dik tal-prigunerija minn sitt xhur sa ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn LM200 u mhux izjed minn LM5000 u, meta r-reat jigi kommess minn recidiv bhal ma hu f' dal-kaz, il-piena tista' addirittura tizdied bi grad. F' dan il-kaz ghalhekk il-piena karceraja minima kienet dik ta' seba xhur u dik massima kienet dik ta' tnax il-sena. Dan**

**minghajr ma jitqies il-konkors tal-pieni jekk u fejn hu applikabbli minnhabba li rrizultaw diversi reati li jgibu din il-piena, dejjem pero' tenut kont tal-assorbiment ta' diversi reati f' ohrajn kif fuq intqal.**

**Illi skond l-artikolu 22 (9) tal-Kap.101, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kap.9 u dawk tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin ma humiex applikabbli ghall-persuna li tkun hatja tar-reati kif gie misjub hati l-appellant. Dan ifisser li idejn din il-Qrati f' kazijiet bhal dawn huma marbutin u trid bil-fors tinghata piena karcerarja.**

**Illi umbaghad, mill-fedina penali aggornata tal-appellant jidher li hu gie misjub hati hames darbiet ta' reati kontinwati ta' serq aggravat u tentattivi ta' serq aggravat, hames darbiet ta pussess tad-droga eroina, erba darbiet ta' pussess tad-droga cannabis u darba ta' pussess tad-droga kokaina, darba li forna d-droga eroina, darba ta' danni volontarji, darba ta' falsifikazzjoni w uzu ta' dokumenti falsifikati, darbtejn li harab mill-kustodja tal-habs, darba minnhom sahansitra bil-feriment t' ufficjali tal-habs u dan apparti diversi drabi ohra meta nstab hati ta' glied u ksur tal-buon ordni u reati tat-traffiku. Apparti hafna kazijiet fejn gie lliberat b' kondizzjoni jew immultat, gie sentenzjat ghall-piena karcerarja mhux inqas minn sitt darbiet.**

**Illi s-sottomissjoni li bhala konsegwenza ta' dawn id-diversi sentenzi ta' habs wiehed ghandu jipprezumi li l-appellant gie ri-abilitat, hija biss bazata fuq kongettura u mhux fuq provi u jekk il-passat hu mera tal-prezent, ftit li xejn hu probabbli dan u zgur ma jistax jigi prezunt. F' kull kaz meta si tratta ta' reati serji ta' traffikar ta' droga ,l-piena karcerarja hija kif intqal dejjem mandatorja .**

**Dwar it-trapass taz-zmien din il-Qorti kellha okkazzjoni tippronuncja ruha ripetutament fis-sens li dan ma ghandux jibbenefika lill-akkuzat, ghax dan it-trapass li jista' jkun dovut *in toto* jew in parti anki**

**ghall-istess akkuzat, altrimenti ikun jippremja lil dawk li l-kawza taghhom iddum ma tinqata' u jkun ta' pregudizzju ghal dawk li l-kawza taghhom tinqata' fi zmien iqsar. ( ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et" **[2.10.2002] ,** "Il-Pulizija vs. Spiridione Tanti Costa" **[18.8.2005] u ohrajn). F' dan il-kaz id-dewmien inizjali kien dovut ghall-fatt li l-process kontra x-xhud principali tal-prosekuzzjoni, Nicholas Deguara, kien gie deciz biss definittivament minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 t' April, 2000, meta beda l-process odjern. Di piu' hafna mid-differimenti inutili li saru, saru fuq talba tal-avukati tieghu precedenti ghax kienu jghidu li jridu aktar zmien biex ihejju d-difiza.**

**Illi dwar l-aggravju li jirrigwarda n-nuqqas ta' proporzjon bejn is-sentenza moghtija lil Deguara w dik moghtija lill-appellant, din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tidhol *funditus* f' dan ix-xorta ta' aggravju. Kif irriteniet fl-Appelli Kriminali "**Il-Pulizija vs. Aronne Cassar**" [28.10.2004] u "**Il-Pulizija vs. Noel Frendo" **[28.10.2004] , din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenzi taghha fil-kawzi "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis u Brian Godfrey Bartolo" **[14.11.2002] u** "The Republic of Malta vs. Omissis and Perry Ingomar Toornstra" **[12.6.2003], fejn fiz-zewg kazijiet gew citati b'approvazzjoni brani mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **u minn** ARCHBOLD , "Criminal Pleading , Evidence and Practice" **, li jezaminaw x' jghidu l-Qrati Inglizi f' sitwazzjonijiet simili, biex wiehed jislet certi linji ta' gwida.**

**Hekk fil-**BLACKSTONE'S **2001, (para. D22.47 p.1650) jinghid :-**

**"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R**

**150. In his judgement in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal – the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive . If it was not the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal' s view treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his Lordship put it, 'The Appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this Court should produce two wrong sentences. That is a submission which this Court cannot accept.' Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* [1980] 74 Crim App R 161….. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**

**Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickenson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus in *NOOY* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N**

**and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said :**
There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."

ARCHBOLD **(2001 para. 5-174,p.571 jikkumenta hekk :-**
**"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: "would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had one wrong with the administration of justice ?" (per Lawton LJ in *R. v Fawcett* , 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A.). The Court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr. App. R. (S) 80 , C.A.) There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion : see *R. v. Stroud* , 65 Cr. App. R. 150 C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as in R. v. Wood … *Fawcett*, ante and *Broadbridge* , ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentences between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."**

**Fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt in materia, din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa z-zewg processi tal-appellant u ta' Deguara, ssib illi l-aggravju bazat fuq il-paragun mas-sentenza li inghatat fil-konfront ta' Deguara - anki kieku dan kellu jigi konsidrat bhala komplici u mhux bhala xerrej jew akkwirent tad-droga minnghand l-appellant – ma jreggix. Ibda biex Deguara kien akkuzat biss bi tlitt imputazzjonijiet u mhux – bhall-appellant – instab hati ta' hames reati u tar-recidiva multipla. Ghalkemm fil-kawza tieghu Deguara kkontesta l-htija, hu kien ammetta mill-ewwel fl-istqarrija tieghu mall-Pulizija kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti w ikkoopera mall-Pulizija w sahansitra ta x-xhieda tieghu fil-process kontra l-appellant odjern, xhieda li zgur ghenet biex seta' jigi rizolt il-kaz. Tant hu hekk li fis-sentenza ta' Deguara moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Novembru, 1999, jissemma li fattur li gab tnaqqis sostanzjali fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti f' dak il-kaz kienet id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li Deguara kien ghin lil Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom dwar drogi w li kellu jibbenefika mid-dispost tal-artikolu 29 tal-Kap.101 b'inzul ta' grad mill-piena. Inoltre Deguara kellu fedina penali kompletament netta, mentri l-appellant kif gja ntqal fid-dettall hu recidiv plurimu w kien gja gie sentenzjat ghall-piena karcerarja diversi drabi mill-Qrati. Dawn il-fatturi kollha certament jispjegaw u jiggustifikaw – jekk xi gustifikazzjoni hi mehtiega – d-differenza fil-piena erogata fil-konfront ta' Deguara w dik fil-konfront tal-appellant fi processi differenti w deciz minn Qrati preseduti minn Magistrati differenti. Meta l-Qorti tal-Appell Kriminali , diversament preseduta, fis-27 t' April, 2000, kienet naqqset il-piena karcerarja ta' Deguara minn wahda ta' erba snin prigunerija ghal wahda ta' sentejn prigunerija, hija kienet altru milli mmotivat dan it-tibdil fil-piena. Ghalhekk dan l-aggravju mhux fondat.**

**L-uniku fattur li jista' ghalhekk iwassal biex tigi varjata l-piena erogata huwa dak naxxenti mill-incertezza jekk l-Ewwel Qorti qiesetx l-assorbiment ta'**

**diversi reati f' ohrajn a tenur tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti hija assillata minn dubju fir-rigward u ghalhekk ser tipprovdi konformement billi tispecifika tali assorbiment u tirriflettieh fil-piena kif ser tigi modifikata.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva, tirriformaha billi tkompli zzid ma tali dikjarazzjoni ta' htija illi l-ewwel imputazzjoni ta' pussess tad-droga eroina, il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess aggravat tad-droga eroina u s-sitt imputazzjoni ta' assocjazzjoni ghat-traffikar ghandhom jigu assorbiti fit-tieni imputazzjoni ta' traffikar tad-droga eroina, fil-waqt li r-raba imputazzjoni ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis ghandha tkun assorbita f' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirrigwarda l-pusess tal-istess raza tal-cannabis mhux ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellant ghal seba snin prigunerija u ghall-multa ta' erbat elef lira maltin konvertibbli fi prigunerija fil-kaz illi jonqos li jhallasha a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap.9 u minnflok tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-appellant ghamel taht arrest preventiv** BISS **in konnessjoni ma dan ir-reat u <u>b' dan li ma ghandux jintnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija,</u> kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlitt elef lira Maltin (LM3000) li jekk ma jithallsux, ikunu konvertibbli f' periodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi a tenur tal-artikoli 11 u 14 tal-Kap.9.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------